EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2014/0617/NL (Netherlands)

Emenda għal ċerti atti dwar it-taxxa u ċerti atti oħrajn (Proposta Fiskali tal-2015)

Data tal-wasla : 11/12/2014
Tmiem tal-Waqfien : Not applicable (closed)
Miżuri Fiskali : Iva

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2014) 03660
Direttiva 98/34/KE
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2014/0617/NL

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Nao inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201403660.MT)
1. MSG 002 IND 2014 0617 NL MT 11-12-2014 NL NOTIF

2. NL

3A. Ministerie van Financiën
Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in- en uitvoer

3B. Ministerie van Financiën
Directoraat Generaal Fiscale Zaken
Korte Voorhout 7
PO BOX 20201
2500 EE Den Haag

4. 2014/0617/NL - S00E

5. Emenda għal ċerti atti dwar it-taxxa u ċerti atti oħrajn (Proposta Fiskali tal-2015)

6. Karozzi

7. -

8. Il-Proposta Fiskali tal-2015 proposta tinkludi l-bidliet li ġejjin.

1. Penali tat-taxxa għal użu privat ta' karozza tal-kumpanija

Sal-1 ta' Jannar 2016, karozzi tal-kumpaniji li huma magħmula disponibbli għal użu privat huma soġġetti għal penali tat-taxxa fuq il-paga u d-dħul imnaqqsa b'4 % jew 7 % għal karozzi b'emissjoni ta' karbonju ta' 0 g/km u aktar minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km rispettivament. Skont l-Att dwar il-Proposta Fiskali tal-2015 propost, dan il-penali tat-taxxa mnaqqas b'4 % għal karozzi b'emissjoni ta' karbonju ta' 0 g/km se jinżamm, iżda l-limiti ta' emissjoni ta' karbonju għall-kategoriji l-oħra ta' penali tat-taxxa mnaqqas u l-perċentwali tal-penali tat-taxxa stess se jiġu modifikati kif ġej b'effett mill-1 ta' Jannar 2016:
15 % ogħla minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km
21% ogħla minn 50 g/km iżda mhux aktar minn 106 g/km
25 % ogħla minn 106 g/km

L-Artikoli II, VII u XXXA, sottotaqsimiet A u B, tal-Proposta Fiskali tal-2015

2. Taxxa tar-Reġistrazzjoni

L-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Memorandum dwar il-Karozzi tal-Passiġġieri jipprovdi għal issikkar annwali tal-limiti tal-emissjoni tal-karbonju u l-faxex ta' prezzijiet fl-Att dwar (it-Tassazzjoni ta') il-Karozzi tal-Passiġġieri u l-Muturi tal-1992 (l-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992) sal-1 ta' Jannar 2016. Skont l-Att dwar il-Proposta Fiskali tal-2015 propost, il-limiti tal-emissjoni tal-karbonju u l-faxex tal-prezzijiet, kif ukoll il-limitu tal-emissjoni tal-karbonju għall-bonus tad-diżil fl-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992, se jiġu ssikkati b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Dan ikompli jissoda r-regoli dejjem iżjed stretti fl-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992 tal-aħħar ftit snin, sabiex ilaħħqu mal-iżviluppi fit-teknoloġija.
L-Artikolu XIII(B) tal-Proposta Fiskali tal-2015

3. Taxxa tat-Triq

Sal-1 ta' Jannar 2016, karozzi tal-passiġġieri b'emissjoni tal-karbonju ta' mhux aktar minn 50 g/km huma eżentati minn Taxxa tat-Triq. Il-Proposta Fiskali tal-2015 tkompli dan l-inċentiv tat-taxxa f'forma limitata. Karozzi b'emissjoni tal-karbonju ta' 0 g/km se jibqgħu jkunu kompletament eżentati mit-Taxxa tat-Triq wara l-1 ta' Jannar 2016. Karozzi b'emissjoni ta' CO2 ta' aktar minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km se jkunu soġġetti għal rata ta' 50 % Taxxa tat-Triq.
L-Artikolu XIV u XXXA(C) tal-Proposta Fiskali tal-2015

4. Trakk b'żewġ kabini (Taxxa tat-Triq u Taxxa tar-Reġistrazzjoni)

Żvista leġiżlattiva kkawżat vetturi ineffiċjenti ħafna fl-użu tal-karburant b'funzjoni ta' traffiku tal-passiġġier, massa massima permessa ta' aktar minn 3 500 kg u hekk imsejħa kabina doppja, sabiex jiġu kkunsidrati trakkijiet għall-għanijiet kemm tat-Taxxa tat-Triq kif ukoll tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur. B'konsegwenza t'hekk, dawn il-vetturi attwalment iħallsu anqas taxxi minn vetturi b'mutur simili, għall-kuntrarju tal-għanijiet tal-Att. L-iżvista se tiġi rrimedjata b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Dan ifisser li dawk il-vetturi se jkunu soġġetti għal rati ta' Taxxa tat-Triq għal karozzi tal-passiġġieri, inklużi f'ċerti każi eżistenti, u li t-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi b'mutur applikabbli se tkun pagabbli meta tinxtara vettura ġdida.

L-Artikolu XIII(A) u l-Artikolu XIV(A) tal-Proposta Fiskali tal-2015

9. L-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Memorandum dwar il-Karozzi tal-Passiġġieri jistipula inċentivi tat-taxxa għal karozzi effiċjenti (ħafna) fl-użu tal-enerġija għall-perjodu 2012-2015. L-Att imsemmi hawn fuq jistipula aġġustament annwali għal żviluppi fit-teknoloġija fil-qasam tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-iżviluppi teknoloġiċi mgħaġġla fl-emissjonijiet tal-karbonu jeħtieġu għal darba oħra li l-limiti għall-2016 jiġu ssikkati, sabiex id-dħul fiskali jinżamm f'livelli xierqa u jiġu evitati aktar disturbi fis-suq. Skont il-miżuri tal-2016 kif hemm fil-Proposta Fiskali tal-2015, l-issikkar tar-regoli fl-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992 u fil-penali tat-taxxa tal-paga u d-dħul għal użu privat ta' karozzi tal-kumpaniji, kif kienu japplikaw fl-aħħar ftit snin li għaddew, se jitkomplew abbażi taċ-Ċirkolari tal-Karozzi tal-Passiġġieri. Barra minn hekk, il-miżuri tal-2016 għandhom jikkontribwixxu għall-miri ambjentali għal tkabbir sostenibbli.

Re 1. Penali tat-taxxa mnaqqas
Fl-assenza ta' aktar miżuri, il-penali tat-taxxa mnaqqas għal użu privat ta' karozzi b'emissjoni ta' CO2 ta' 0 g/km, u dawk b'emissjoni ta' CO2 ogħla minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km, għandu jiżdied wara l-1 ta' Jannar 2016 minn 4 % u 7 % rispettivament għal 14 % għaż-żewġ kategoriji. Sabiex jiġi żgurat sett ta' inċentivi għal karozzi elettriċi, huwa propost li l-penali tat-taxxa għal karozzi mingħajr emissjonijiet għandu jinżamm 4 %. Il-penali tat-taxxa għal karozzi b'emissjoni ta' CO2 ogħla minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km għandu jiżdied għal 15 % (issa huwa 14 %). Fl-istess waqt, il-limiti ta' emissjoni ta' CO2 għall-kategoriji ta' penali tat-taxxa mnaqqsa l-oħra u l-perċentwali ta' penali tat-taxxa se jiġu aġġustati sabiex jirriflettu l-avvanzi teknoloġiċi kontinwi fil-qasam tal-emissjonijiet ta' CO2.

Re 2. Issikkar tal-limiti ta' emissjonijiet ta' CO2 għat-Taxxa ta' Reġistrazzjoni ta' vetturi b'mutur
L-avvanzi teknoloġiċi kontinwi u l-waqgħat fil-medja konnessi magħhom tal-emissjonijiet ta' CO2 ta' karozzi mibjugħa ġodda jwasslu għal tnaqqis fid-dħul mit-Taxxa tar-Registrazzjoni. Għalhekk, dawn l-iżviluppi se jiġu inkorporati fl-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992 sabiex id-dħul mit-taxxa jinżamm f'livelli xierqa billi jiġu ssikkati l-limiti ta' emissjoni ta' CO2 għall-faxex ta' prezzijiet rispettivi, u billi jiġi ssikkat il-limitu ta' emissjoni tal-karbonju għall-bonus tad-diżil.

Re 3. Eżenzjoni minn Taxxa tat-Triq għal karozzi mingħajr emissjonijiet u rata ta' 50 % taxxa għal karozzi estremament effiċjenti fl-użu tal-enerġija
Kif stipulat fl-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Memorandum dwar il-Karozzi tal-Passiġġieri, l-eżenzjoni inkluża fit-Taxxa tat-Triq għal karozzi b'emissjonijiet ta' CO2 ta' mhux aktar minn 50 g/km mhux se tibqa' tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. Madankollu, huwa meqjus neċessarju li xi forma ta' inċentiv għal karozzi b'emissjoni ta' CO2 li ma taqbiżx il-50 g/km għandha tibqa' teżisti sabiex ikun hemm konformità mal-miri ambjentali. L-għażla magħżula tikkonsisti f'kontinwazzjoni limitata tal-inċentiv: eżenzjoni mit-Taxxa tat-Triq għal karozzi mingħajr emissjonijiet (b'emissjoni ta' CO2 ta' 0 g/km) u Taxxa tat-Triq b'rata ta' 50 % għal karozzi b'emissjoni ta' CO2 ogħla minn 0 g/km iżda mhux aktar minn 50 g/km.

Re 4. Trakk b'żewġ kabini (Taxxa tat-Triq u Taxxa tar-Reġistrazzjoni)
Żvista leġiżlattiva kkawżat vetturi ineffiċjenti ħafna fl-użu tal-karburant b'funzjoni ta' traffiku tal-passiġġier, massa massima permessa ta' aktar minn 3 500 kg u hekk imsejħa kabina doppja, sabiex jiġu kkunsidrati trakkijiet għall-għanijiet kemm tat-Taxxa tat-Triq kif ukoll tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur. B'konsegwenza t'hekk, dawn il-vetturi attwalment iħallsu anqas taxxi minn vetturi b'mutur simili, għall-kuntrarju tal-għanijiet tal-Att. L-iżvista se tiġi rrimedjata b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Dan ifisser li dawk il-vetturi se jkunu soġġetti għal rati ta' Taxxa tat-Triq għal karozzi tal-passiġġieri, inklużi f'ċerti każi eżistenti, u li t-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi b'mutur applikabbli se tkun pagabbli meta tinxtara vettura ġdida.

10. Numri jew titli tat-testi bażiċi: dwar 1
Artikolu 3.20 tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-2001
Artikolu 13(a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Paga tal-1964
Artikoli VI u XII tal-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Memorandum dwar il-Karozzi tal-Passiġġieri
Artikoli II u IV tal-Att dwar it-Tassazzjoni (Dispożizzjonijiet Mixxellanji) tal-2012

Re 2
Artikolu 9 l-Att dwar it-Taxxa tal-Karozzi tal-Passiġġieri u l-Muturi tal-1992
Artikolu 3 tal-Att dwar it-Taxxa tar-Reġistrazzjoni għall-Vetturi bil-Mutur tal-1992
Artikolu 3 tal-Att dwar it-Taxxa tat-Triq tal-1994

Re 3
Artikolu 23b tal-Att dwar it-Taxxa tat-Triq tal-1994
Artikolu XXIII tal-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Memorandum dwar il-Karozzi tal-Passiġġieri

Re 4.
Artikolu 3 tal-Att dwar it-Tassazzjoni Bbażata fuq l-Ambjent tal-1992 [Wet belastingen op milieugrondslag].
Artikolu 3 tal-Att dwar it-Taxxa tat-Triq 1994

11. Le

12. -

13. Le

14. Iva

15. -

16. Aspett OTK

Le - l-abbozz ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - l-abbozz mhux miżura sanitarja jew fitosanitarja.

****
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt 98/34
Fax: +32 229 98043
email: dir83-189-central@ec.europa.eu